**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 04/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2011 | | |
| **Data** | 10/04/2014 fis-6.15pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti fit-8.30pm |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Skużat |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Skużata |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| **Skużata wkoll** | | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott | |

**04. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Hales | Il-Minuti 03/14 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korrezzjonijiet li ġejjin:- | |
| | 03.11.6 | Wara l-kunjom Galea tiżdied il-kelma 'faċċata'. | | |
| | 03.11.12 | Tinqata l-kelma 'tal-wirjiet' mill-aħħar vers. | | |
| 04. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | 03.2.1 | Caruana: Reserved parking fi Triq Anġlu Gatt | Caruana reġa' saqsa jekk ir-reserved parking fi Triq Anġlu Gatt għandux permess. Il-Viċi-Sindku qalet li dan ma jinsabx fil-lista li ġiet provduta minn TM. | |
| 04. 2. 2 | 03.2.4 | Caruana: Sleeping Policeman fi Triq Lvant | Caruana reġa' fakkar sabiex titwaħħal is-sleeping policeman fi Triq Lvant. | Sindku |
| 04. 2. 3 | 03.2.5 | Caruana: Mera tat-traffiku fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' għal Triq Santu Wistin | **Il-Kunsill qabel li għandu jsir double yellow line fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Santu Wistin.** | Sindku |
| 04. 2. 4 | 03.2.7 | Agius: Kuntrattur Frankie Mifsud | Agius staqsiet jekk kienx hemm żviluppi fir-rigward tal-ħlas tal-kuntrattur Frankie Mifsud mill-Awtorita' tad-Djar. Is-Segretarju spjega li għalkemm inkitbu 2 emails, ma kienx hemm żviluppi. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Agius sabiex tagħmel kuntatt dirett ma' l-Awtorita'. | Agius |
| 04. 2. 5 | 03.2.8 | Agius: Ġbir ta' ħġieġ | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li għalkemm saru laqgħat mal-Greenpak dwar il-kwistjoni tal-ġbir tal-ħġieġ, is-sitwazzjoni ma ttranġatx. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li jikteb lill-Greenpak**. | Agius |
| 04. 2. 6 | 03.2.14 | Agius: Bieb ta-Child Care | Agius qalet li sabiex il-bieb tac-child care jitranġa, dan irid jinqaleb. | Agius |
| 04. 2. 7 | 03.2.17 | Agius: Statwa 'Popcorn' | Agius infurmat lill-Kunsill li ż-żmien ta' l-istatwa 'Popcorn' għadda u għaldaqstant din tneħħiet. | Agius |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 8 | 03.2.18 | Viċi-Sindku: Recycle bins fid-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku fakkret dwar ir-recycle bins fid-Dar ta' l-Anzjani. Is-Sindku qal li l-Greenpak qed jgħidu li bħalissa m'għandhomx recycling bins. | Abela |
| 04. | 2. | 9 | 03.2.19 | Agius: Tneħħija ta' skips | Agius irrapurtat lill-Kunsill li fejn tneħħew l-iskips, in-nies avviċinawha u apprezzaw li tneħħew l-iskips. **Il-Kunsill qabel li jsir warning sign dwar il-ġbir ta' skart f'Ġebel San Martin u li jikteb lill-Greenpak sabiex jinbidel ir-recycling bin l-abjad ta' ħdejn il-Kindergarten u ta' quddiem Ġnien iż-Żgħożija peress li dan huwa imkisser.** | Hales |
| 04. | 2. | 10 | 03.2.20 | Caruana: Plakka bl-isem Triq il-Kostituzzjoni | Caruana rringrazzja lill-Kunsillier Hales peress li l-plakka bl-isem ta' Triq il-Kostituzzjoni tranġat. | Hales |
| 04. | 2. | 11 | 03.2.27 | Hales: Boundary Signs | Hales irraporta lill-Kunsill li tlabna sabiex jinbidlu 8 boundary signs iżda l-HSBC kkonferma li ser jagħmel 6. Dawk li mhumiex ser isiru huma dik tal-Barrani u dik ta' Triq President Anton Buttiġieġ. | Hales |
| 04. | 2. | 12 | 03.2.29 | Hales: Ġbir ta' skart waqt il-ħin tad-dħul ta' l-iskola | Hales informa lill-Kunsill li sar kuntatt mal-kuntrattur u suppost l-affarijet tranġaw. | Hales |
| 04. | 2. | 13 | 03.2.30 | Viċi-Sindku: Tabelli fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar tabelli ma jidhurx fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. | Hales |
| 04. | 2. | 14 | 03.2.40 | Hales: Ċavetta tal-gate ħdejn il-Klabb tal-Boċċi | Hales informa lill-Kunsill li din saret. | Hales |
| 04. | 2. | 15 | 03.3.3 | Hales: Żbir ta' siġar fi Vjal 25 ta' Novembru | Hales irraporta lill-Kunsill li x-xogħol tlesta. In-nefqa telgħet għal madwar €5,000. | Hales |
| 04. | 2. | 16 | 03.5.1 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop informa lill-Kunsill li l-attivita saret. Is-Sindku talab sabiex noqgħodu attenti għal ċertu affarijet sabiex darb'oħra ma jirrepetux ruħhom. | Chircop |
| 04. | 2. | 17 | 03.5.3 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop informa lill-Kunsill li waqt is-serata ta' Ġieh iż-Żejtun tħabbru u ingħataw il-premjijiet rispettivi lir-rebbieħa tal-konkors letterarju. Dak tad-djalett intrebaħ minn Emanuel Psaila, il-kategorija taż-żgħar intrebħet minn Andre' Mifsud u l-kategorija tal-poeżija ntrebħet minn J. Muscat u Axisa. Chircop irrapporta wkoll li dakinhar ta' Jum iż-Żejtun infetħet il-wirja ta' ritratti ta' 20 sena mill-Kunsilli Lokali. Kien hemm udjenza tajba u din il-wirja żaruha wkoll diversi studenti. Is-Sindku feraħ lill-Kunsilliera Agius u Chircop ta' din l-attivita'. | Chircop |
| 04. | 2. | 18 | 03.8.2 | Caruana: Dekasteri | Is-Sindku spjega li ma jistax isir kuntatt dirett mill-Kunsilliera mad-dipartimenti, ministeri u korporazzjonijiet, dwar materji li jikkonċernaw direttament lill-Kunsill. | |
| 04. | 2. | 19 | 03.9.1 | Hales: Noticeboard | Hales informa lill-Kunsill li nħarġet il-purchase order għan-noticeboard ġdida. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 20 | 03.10.2 | Hales: Misraħ Wistin Abela | Hales informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ismijiet tat-Toroq approva li Misraħ Diċembru XIII jinbidel u jsir Misraħ Wistin Abela u li tiżdied id-data Diċembru XIII 1974 ma' Misraħ ir-Repubblika. Dawn ser jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern bejn Ġunju u Lulju. | Hales |
| 04. | 2. | 21 | 03.11.2 | Chircop: Bust taċ-Ċalija | Chircop irraporta lill-Kunsill li nhar il-5 ta' April inkixef il-bust taċ-Ċalija fi Ġnien San Girgor. Għal din l-attivita' attenda għall-ewwel attivita tiegħu bħala ministru, l-Avukat Owen Bonnici li riċentement flimkien mal-Ġustizzja ngħata d-dekasteri tal-Kultura u l-Gvern Lokali. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-familja taċ-Ċalija irringrazzjat lill-Kunsill. | Chircop |
| 04. | 2. | 22 | 03.11.4 | Caruana: Tappieri | Caruna talab li hemm bżonn li jiġu rranġati t-tappieri u jsir il-packing adegwat fi Triq President A. Buttiġieġ, iżda dan huwa obbligu tal-Water Services. | Sindku |
| 04. | 2. | 23 | 03.11.9 | Hales: Tfiegħ ta' skart Triq Ħal Ġwann | Hales informa lill-Kunsill li twaħħlet tabella sabiex ma jsirx rimi ta' skart fi Triq Ħal Ġwann. | Hales |
| 04. | 2. | 24 | 03.11.10 | Hales: Tabella nieqsa fi Triq il-Kanonku de Domenico | Hales informa lill-Kunsill li fi Triq il-Kanonku de Domenico m'hemmx tabelli nieqsa. Peress li Chircop sostna li hemm tabella nieqsa, ser issir spezzjoni fuq il-post. | Chircop<br>Hales |
| 04. | 2. | 25 | 03.11.12 | Chircop: Fuljett tal-Ġimgħa Mqaddsa | Il-fuljetti bil-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ġew preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. | Chircop |
| 04. | 2. | 26 | 03.11.14 | Chircop: Ċerimonja Vittmi tal-Gwerra | Chircop informa lill-Kunsill li dak inhar taċ-Ċerimonja tal-Vittmi tal-Gwerra, l-iscouts taż-Żejtun mhumiex ser jipparteċipaw u għaldaqstant sar kuntatt ma' l-iscouts tal-Marsa fejn dawn aċċettaw l-istedina. | Chircop |
| 04. | 2. | 27 | 03.11.16 | Hales: Parking bays fi Triq Anġlu Gatt | Hales irraporta lill-Kunsill li jekk isiru l-parking bays fi Triq Anġlu Gatt, ser isiru biss 6 filwaqt li bħalissa jipparkjaw madwar 20 karozza. Wara diskussjoni li saret, **il-Kunsill qabel li għandha issir spezzjoni minħabba l-parkeġġ li jsir quddiem il-garaxxijiet b'inkonvenjenza għas-sidien tal-garaxxijiet.** | Sindku<br>Hales |
| 04. | 2. | 28 | 03.11.22 | Agius: Ħarġa Jum il-Mara | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat il-ħarġa li saret fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara nhar is-26 ta' Marzu. Is-Sinjura Michelle Muscat ġiet ippreżentata ġawhar u arma tal-Kunsill fuq il-parċmina maħdumin mill-għalliema tal-Kunsill. Hija fakkret li fil-ħarġiet ta' April, dik tas-seba' visti nhar Ħamis ix-Xirka, ħarġa għat-tfal nhar il-Ġimgħa l-Kbira u quddies u tqassim ta' figolli lit-tfal nhar l-Għid il-Kbir. Fl-14 u fit-28 ta' Mejju ser isiru żewġ ħarġiet li jinkludu żjarat fuq il-cruise liners fl-okkażjoni Jum l-Omm u bejn is-16 u 18 ta' Mejju ser ikun organizzat weekend break għal rikreazzjoni tal-familja. | Agius |
| 04. | 2. | 29 | 03.11.25 | Viċi-Sindku: Proġett minn studenti dwar iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li l-istudenti ġew il-Kunsill u ingħataw leaflets dwar iż-Żejtun. | Camilleri |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 30 | 03.11.26 | Viċi-Sindku: A plus Accessibility Award | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li attendiet għal-laqgħa li saret ġewwa l-Mosta dwar dan l-award. Hija wkoll talbet kwotazzjoni għal bandla għal persuni b'diżabilita' mingħand Projecte Global Ltd. fejn ingħatat il-prezz ta' €3,000. | Viċi-Sindku |

**04. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 3. 1 | 03 | DLG: Memo 8/14 | **Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni għal bandiera tal-ħarir mingħand Martin Bilocca.** | Caruana |
| 04. 3. 2 | 10 | Sur E. Spagnol: Talba għal Public Convenience fi Ġnien iż-Żgħożija | Il-Kunsill innota li il-Kiosk li tinsab fi Ġnien iż-Żgħożija qed tipprovdi toilet. | |
| 04. 3. 3 | 13 | Ta' Ċanċu Butcher: Railings | Il-Kunsill approva li jsiru railings taħt il-bankina quddiem il-ħanut. Dawn a spejjeż tiegħu. | |
| 04. 3. 4 | 15 | GS4: Kuntratt għal ġbir ta' flus | **Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt ma' G4S għal ġbir ta' flus mill-uffiċini tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 04. 3. 5 | 16 | Perit R. Abela: Restawr ta' l-istatwa ta' San Girgor | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru spotlights ma' l-istatwa ta' San Girgor bħala parti mir-restawr. Is-Sindku spjega li dan jista' jsir bi ftehim mal-Fondazzjoni iżda jinħtieġ li l-kolonni li hemm mal-pedestal iridu jinqalgħu 'l barra. | |
| 04. 3. 6 | 17 | A. Abela: Talba għal school transport fi Triq l-iskola | **Il-Kunsill qabel li biex vettura tidħol fi Triq l-iskola waqt il-ħinijiet tad-dħul ta' l-iskola irid ikollha miktub school transport.** | |
| 04. 3. 7 | 18 | OHSA: Seminar | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għal seminar li ser isir nhar is-16 ta' April ġewwa l-MCC organizzat mill-OHSA. | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 3. 8 | 19 | Dun N. Pace: Attivitajiet f'Misraħ Diċembru XIII | **Il-Kunsill approva li l-Knisja torganizza l-attivitajiet annwali f'Misraħ Diċembru XIII b'rabta ma' l-Eurovision.** Il-Kunsill innota li jekk ser isir użu mil-latrini pubbliċi, l-Għaqda ser tieħu ħsieb tiftaħ u tagħlaq kif ukoll tnaddaf il-latrini. | |
| 04. 3. 9 | 20 | Greenpak: Rapport Annwali 2013 | Is-Sindku innota li ż-Żejtun żied fir-reċiklar. **Il-Kunsill qabel li meta jsir it-tqassim tal-boroż għandu jingħata dan ir-riżultat.** Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li l-kartun qed jinġabar mingħand tal-ħwienet nhar ta' Tlieta biss. Il-Kunsillier Caruana ġie avviċinat minn resident li joqgħod fi Triq Bugħarbiel fejn qed jilmenta li mhux tinġabarlu l-borża l-ħadra minkejja li dan joħroġha fis-6am. Is-Sindku irrimarka li jekk il-kuntrattur jinnota li l-iskart fil-borża l-ħadra ikun imħallat, il-borża ma tinġabarx. | Agius |
| 04. 3. 10 | 21 | TM: Trejqet is-Sagħtar | TM infurmat lill-Kunsill li dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq il-wiċċ ta' Trejqet is-Sagħtar. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 3. 11 22 | Zejtun Band Club: Wirja ta' karozzi u carwash | **Il-Kunsill approva li ż-Żejtun Band itella' wirja ta' karozzi u car wash f'Misraħ is-Suq u Misraħ Indipendenza nhar it-18 ta' Mejju bejn it-8.00am u s-2pm.** Il-Kunsill innota li jekk ser isir użu mil-latrini pubbliċi, l-Għaqda ser tieħu ħsieb tiftaħ u tagħlaq kif ukoll tnaddaf il-latrini. Dwar il-proposta tal-Fondazzjoni Nazareth għal attivitajiet f'Lulju ic-Chairperson, is-Sur Zahra, għandu jikkonsulta mas-Supretendent Sandro Gatt. | |

**04. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 04. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 04/14 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 04. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 04/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 04. 4. 3 | i | PO 53/14 | **Ġie innutat li s-servizz ser ikun provdut minn Ċanċu Supreme u mhux minn Garden of Eden.** | |
| 04. 4. 4 | | Petty Cash - Marzu 2014 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif prezentat. Dan kien jammonta għal €127.30.** | |

**04. 5.** **Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 5. 1 | | Sindku: Jirraporta Child Day Care Centre | Is-Sindku informa lill-Kunsill li fuq parir ta' l-Avukat Max Ganado, ġiet maħtura fondazzjoni ffurmata minn Ms Ruth Sciberras mill-Aġenzija Appoġġ, Fr Vincent Magri mill-Istitut Paolo Frere u l-Kap ta' l-Iskola Primarja A, is-Sur Brian Craus. Is-Sindku u l-Kunsilliera Agius ser ikunu superviżuri tal-bord ta' l-amministrazzjoni. Il-membri tal-bord ta' l-amministrazzjoni ser jirċievu onorarja ta' bejn €20 u €25 kull wieħed għal kull laqgħa filwaqt li s-superviżuri rappreżentanti tal-Kunsill ser ikun mingħajr ħlas. | |
| 04. 5. 2 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser issir laqgħa mal-head tad-dipartiment ta' l-NGOs, is-Sur Kenneth Wain u laqgħa oħra ma' l-FES biex jiġu ffinalizzati l-aħħar kundizzjonijiet regolamentari. | |
| 04. 5. 3 | | | **Il-Kunsill qabel li jistieden lis-Sinjura Michelle Muscat, mart il-Prim Ministru, sabiex jistednieha ħalli nhar l-1 ta' Mejju tinawgura c-Child Day Care Centre.** | Sindku<br>Agius |

**04. 6.** **Child play area**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 6. 1 | | Sindku: Tender 04/13 | Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill id-dokumenti tat-tender li ġew sottomessi sabiex titlesta c-child play area tac-child day care centre, eżattament, taħt is-siġar fejn il-belveder, wara l-pitch tal-5 aside. Il-Kunsillier Hales qam minn mal-mejda tal-Kunsill peress li nnota li wieħed mill-kuntrattur jiġi minnu. | |
| 04. 6. 2 | | | Għal din it-tender intefgħu 5 offerti. **Il-Kunsill qabel li jagħti din it-tender lill-orħos offerta, iġifieri dik ta' Projecte Global Ltd. Option 2 b'materjal aħjar.** Il-Kunsill innota li l-kuntrattur għandu esperjenza tax-xogħol mitlub mill-Kunsill f'diversi skejjel ta' l-istat u dawk privati. | Sindku |

**04. 7.** **Kuntratt tal-Ġbir ta' skart**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 7. 1 | | | **Il-Kunsill qabel li jestendi l-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart bieb bieb sakemm jagħlaq il-kuntratt tal-bins on wheels, iġifieri minn Ottubru 2014 sa April 2015 sabiex il-ġbir ta' l-iskart kollu door to door jagħlaq f'data waħda.** | Hales |

**04. 8.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 8. 1 | | Camilleri: Korsijiet tat-Tfal | **Il-Kunsill approva li fix-xhur tas-sajf isiru korsijiet għat-tfal fis-suġġetti ta' l-Ingliż, il-Malti u Story telling mill-għalliema Rachel Grima. Din is-sena l-istudenti ser jiġu offruti materjal ġdid.** | Camilleri |
| 04. 8. 2 | | Camilleri:Korsijiet tal-Kompjuter | **Il-Kunsill qabel li jorganizza korsijiet tal-kompjuter tul ix-xhur tas-sajf għat-tfal. Il-Kunsill ser jagħmel tajjeb għal printing tal-leaflet u tal-billboard, kif ukoll għat-tqassim tal-fuljett ta' informazzjoni tal-korsijiet. Il-Kunsill innota li jrid ikun indikat b'mod ċar li l-partċipanti jħallsu €10 biss tan-noti.** | Camilleri |
| 04. 8. 3 | | Segretarjat: Kompjuter CDCC | **Il-Kunsill qabel li jixtri kompjuter għac-Child Day Care Centre mingħand Philip Farrugia għal prezz ta' €535.** | Segretarjat |

**04. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 9. 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Fuljett tas-Sajf | Is-Segretarju talab lill-Kunsilliera sabiex jissottomettu l-informazzjoni dwar korsijiet jew attivitajiet li ser itellgħu tul is-Sajf sat-tieni gimgħa ta' Mejju lill-istaff sabiex il-fuljett li jitħejja kull sena jitqassam fid-djar tar-residenti fil-ħin. | Kunsilliera |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 9. 2 | Sindku: Ġimgħa l-Kbira | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser issir laqgħa ma' l-Ispettur dwar il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. | Sindku Agius |
| 04. 9. 3 | Hales: Dekasteri ġodda | Hales talab sabiex nifirħu lill-membri parlamentari tad-distrett li ngħataw dekasteri ġodda u nitolbu sabiex niltaqgħu magħhom. Is-Sindku spjega li din diġa' saret. | Sindku |
| 04. 9. 4 | Chircop: Parkeġġ fi Triq Bugħarbiel k/m Triq il-Qadi | Chircop talab sabiex issir mera minħabba parkeġġ kontinwu li qed isir minn coaches fi Triq Bugħarbiel k/m Triq il-Qadi, liema parkeġġ qed jagħmilha diffiċli għas-sewwieqa li jgħaddu minn din it-triq. Is-Sindku spjega li ser ikompli jinsisti mal-Ministeru ta' l-Artijiet sabiex Ċanċu Supreme jingħata post alternattiv minn fejn jopera. | Sindku |
| 04. 9. 5 [id-Daħla ta' San Tumas] | Chircop: Crash barrier fi Triq ~~San Girgor~~ k/m Triq Xeħt il-Forom | Chircop talab lill-Kunsill jikkunsidra li ssir crash barrier fi Triq ~~San Girgor~~ [id-Daħla ta' San Tumas] k/m Triq Xeħt il-Forom. Is-Sindku qal li jrid jara jwkk din tagħlaqx il-bankina. | Sindku |
| 04. 9. 6 | Chircop: Magħsar taż-żebbuġ | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar kolonna tal-magħsar taż-żebbuġ li għandha bżonn titranġa u plakka maqlugħa. | Sindku |
| 04. 9. 7 | Chircop: Parkeġġ ta' coaches quddiem id-Dar ta' l-Anzjani | Chircop talab lill-Kunsill sabiex isiru yellow lines fi Trtiq id-Daħla ta' San Tumas minħabba parkeġġ abbużiv li jsir minn coaches. | Sindku |
| 04. 9. 8 | Chircop: Data 6 ta' Lulju | Il-Kunsillier Chirocp talab lill-Kunsilliera sabiex iħallu id-data tas-6 ta' Lulju libera. | Chircop |
| 04. 9. 9 | Chircop: Isem ta' Ġnien San Girgor | Fuq proposta tan-nies li attendew għal kxif tal-bust taċ-Ċalija, il-kunsillier Chircop talab sabiex Ġnien San Girgor jissemma Ġnien l-Għannejja Żwieten. Is-Sindku talab sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament li kull min ħadem għall-attivita li saret fil-5 ta' April. | |
| 04. 9. 10 | Chircop: Arti fil-Beraħ | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li fl-aħħar ta' Mejju ser issir attivita' Arti fil-Beraħ. F'Mejju ser issir sezzjoni tal-Grupp tal-Filatelija dwar wieħed mill-ewwel pustiera Żwieten is-Sur Willie Sestito. Dan peress li ser ikun hawn f'Malta, familjari ta' Sestito mill-Awstralja. | Chircop |
| 04. 9. 11 | Caruana: Fanal fi Triq Beland | Caruana ressaq quddiem il-Kunsill każ ta' tneħħija ta' fanal fi Triq Beland li ħalla bżonn ta' xogħol ta' tikħil minħabba konsenturi fuq il-faċċata ta' resident permezz ta' high up. | Sindku |
| 04. 9. 12 | Caruana: Fanali Misraħ Diċembru XIII | Caruana talab sabiex issir il-manutenzjoni neċessarja fuq il-fanali ta' Misraħ Diċembru XIII. Is-Sindku irrimarka li dak li fadal minnhom ser jitneħħew u naċċertaw li s-supply tad-dawl ma joħloqx periklu. | Sindku |
| 04. 9. 13 | Caruana: Parkeġġ għar-residenti | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isir parkeġġ għar-residenti fi Triq Karmenu Carabott k/m Triq il-Ħall. Is-Sindku spjega li l-ewwel naraw dan jistax isir. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 9. 14 | Agius: Stedina | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill dwar stedina minn Profs K.Borg u Marija Brown flimkien maċ-Ċentru Kulturali Frerjan għal seminar internazzjonali li ser isir fl-Universita' l-antika dwar l-edukazzjoni popolari nhar il-Ġimgħa 25 ta' April, 2014. Għaldaqstant ser jiġu avviċinati l-għannejja u kittieba Żwieten, li ħadu sehem fiċ-Ċirkolu Frerjan matul 2012/13. | Agius |
| 04. 9. 15 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li fit-22 ta' April ser issir ħarġa għal film għall-familja filwaqt li fl-4 u t-18 ta' Ġunju ser isiru attivitajiet bi żjara fuq cruise liner għal Jum il-Missier. Bħalissa qed isir ukoll kuntatt mal-Bank tad-demm biex ningħataw data meta nistgħu mmorru nagħtu d-demm. | Agius |
| 04. 9. 16 | Viċi-Sindku: Ċint ħdejn iż-Żejtun Redstars | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ċint li għandu bżonn ta' manutenzjoni peress li ntlaqat minn karozza. | Sindku |
| 04. 9. 17 | Viċi-Sindku: Yellow lines | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jitwalu l-yellow lines quddiem 13, Joycefil fi Triq il-Kapumastru u fakkret sabiex isiru double yellow lines 16/22 fi Triq Dun Ġwann Farrugia. | Sindku |
| 04. 9. 18 | Viċi-Sindku: Bollards | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn Frans Falzon fejn talab li jsiru bollards quddiem ir-residenza tat-tifla tiegħu. Is-Sindku ser jieħu ħsieb jitkellem mat-tifla tas-Sur Falzon. | Sindku |
| 04. 9. 19 | Viċi-Sindku: Keep Clear | Il-Viċi-Sindku ġabet quddiem il-Kunsill il-każ ta' John u Carmen Caruana li joqgħodu f'residenza nru 39 fi Triq San Ġużepp fejn qed jitolbu keep clear quddiem ir-residenza tagħhom, liema residenza m'għandhiex garaxx. Din it-talba qed issir peress li s-Sur Caruana ma jsuqx u l-ambulanza tiġi għalih b'mod regolari. **Il-Kunsill qabel li jikteb lil TM.** | |
| 04. 9. 20 | Viċi-Sindku: Madum jiċċaqlaq | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar madum jiċċaqlaq hekk kif tinżel it-taraġ f'Misraħ Diċembru XIII. | Sindku<br>tat-triq mill-bieb ta' wara tal-Knisja u. |
| 04. 9. 21 | Viċi-Sindku: Simenta | Il-Viċi-Sindku reġgħet fakkret lill-Kunsill dwar simenta wara d-Dar ta' l-Anzjani minn fejn joħroġu lill-mejtin. | Sindku |
| 04. 9. 22 | Viċi-Sindku: Ħarġa għall-anzjani | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsilll i fil-15 ta' April ser issir ħarġa għall-anzjani għall-paegant tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Tarxien fis-7pm. | Viċi-Sindku |
| 04. 9. 23 | Viċi-Sindku: Attivita Jum l-Omm u Jum il-Missier | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa ma' l-HSBC sabiex nhar it-28 ta' Mejju issir attivita' għall-anzjani wara nofsinhar ġewwa d-Dar ta' l-Anzjani b'rabta ma' Jum l-Omm u Jum il-Missier. | Viċi-Sindku |
| 04. 9. 24 | Viċi-Sindku: Applikazzjoni reserved parking | Il-Viċi-Sindku rċeviet applikazzjoni ta' reserved parking quddiem residenza nru. 88 fi Triq San Klement. | Viċi-Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 9. 25 | Caruana: Bankijiet f'Misraħ ir-Repubblika | Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser jinbidlu l-bankijiet li hemm f'Misraħ ir-Repubblika. Is-Sindku spjega li dawn ser jinbidlu meta jsir il-proġett tal-wiċċ tal-misraħ. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Sindku

Segretarju Eżekuttiv